MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 617/2005

**Maltacom plc (C22334)**

**Vs**

**Alison Micallef (K.I. Nru 421774 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta Marzu 2005, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm226.13) rapprezentanti kont ta' servizz telefoniku li jgib in-numru 21800695 kif jirrizulta mill-anness prospett Dok A u kuntratt ta' servizz Dok B u liema talba qed issir stante li baqghet inadempjenti nonostante li giet interpellata diversi drabi nkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Novembru 2003 (Dok C);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm226.13) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-precitata ittra ufficjali u bl-ispejjes ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------